MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2014

Numru. 475/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Joseph Mary Difesa**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmij Joseph Mary Difesa detentur tal-karta tal-identita` numru 723051(M).

Akkuzat talli:

> Fid-19 ta' Dicembru 2010, fuq il-monti tal-Belt Valletta, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid, ai termini tal-Artikolu 298(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentment ghamel uzu ta' marka, sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, ai termini tal-Artikolu 298(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` numru ta' DVD's u CD's ai termini tal-Artikolu 298(1)(f) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> Aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-

esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli dinikati u cioe` l-Artikoli 298(1)(a), 298(1)(c), 298(1)(f), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Joseph Mary Difesa hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, u stante illi t-tieni u t-tielet akkukza huma komprizi fl-ewwel akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghda tilliberah mill-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------